

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11862/26

STATIS 61
SOC 492
ENV 941
ENER 518
EMPL 276
EDUC 330
ECOFIN 1003
DELECT 114

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4526 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'2.7.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 4526 final.

Mehmuż: C(2026) 4526 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2026
C(2026) 4526 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 2.7.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jispjefika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-
informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data f'livell individwali miġbura minn kampjuni¹, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jispjefikaw l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-diversi settijiet tad-data. Waqt l-adozzjoni tal-att delegat, l-għadd tal-varjabbli ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5% lill-għadd tal-varjabbli għal kull dominju ta' dawk diġà meħtieġa b'mod obligatorju mill-Kummissjoni (Eurostat) fit-3 ta' Novembru 2019.

Dan ir-Regolament Delegat ikopri l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-data fid-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni għamlet konsultazzjonijiet xierqa bħala parti mit-tnejn ta' dan l-att delegat. Ma ssemma l-ebda tħassib speċifiku waqt il-konsultazzjonijiet.

Il-Kummissjoni kkonsultat lil esperti nazzjonali waqt il-laqgħa tal-grupp ta' esperti "Statistika dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni" nhar l-4 u l-5 ta' Frar 2026.

Ikkonsultat ukoll lill-Grupp ta' Esperti tal-"Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika".

Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ġew informati kif xieraq.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu l-oġġettiv li jadotta l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-data fid-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1700.

L-għadd ta' varjabbli miġbura jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, li stabbilixxa l-għadd massimu ta' varjabbli obligatorji mis-sena ta' referenza 2021 'il quddiem. Il-varjabbli miġbura biss iħallu impatt fuq il-piż. Il-varjabbli jiġu rivalutati u rotati bejn is-snin ta' referenza biex ikopru l-ħtiġijiet ta' politika filwaqt li jillimitaw il-piż tar-rapportar.

L-att delegat ma jħalli l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

L-att delegat jikkonċerna materja marbuta maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi estiża għaż-ŻEE.

¹ ĠU L 261 I, 14.10.2019, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj>.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 2.7.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

Biex jiġi ssodisfati l-ħtiġijiet tal-istatistika għas-suġġetti dettaljati rilevanti stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, jeħtieġ jiġu speċifikati l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-data għad-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2027 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2.7.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN